**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**

**vs**

**Yanica Zahra**

**Kumpilazzjoni Numru: 214/15**

**Illum, 3 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Yanica Zahra detentrici tal-karta tal-identita` numru 514887(M).

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli mill-kumpanija 'E&S Consultancy Ltd', sitwata fi Triq San Gorg San Giljan, matul il-granet ta' bejn 1 ta' Jannar 2015 u 3 ta' Frar 2015, f'hin mhux maghrufa ikkommettiet serq ta' flus, liema serq jeccedi l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disghin u erbgha u ghoxrin centezmu (Euro 2390.24c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u li sar ghad-dannu tal-imsemmija kumpanija u/jew terzi persuna/i ohra; (ai termini ta' Artikoli 261(c)(d), 267, 268(d) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom; (ai termini ta' Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli indikati; u cioe’ l-Artikoli 49, 50, 261(c)(d), 267, 268(d), 281(a), 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha u stante li l-imputata hallset pjenament id-debitu li kellha mal-parte civile, qed issib lill-imputata **Yanica Zahra** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikundannaha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin flimkien ma’ *Supervision Order* hawn anness u li ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza, filwaqt li qed tirrakomanda lil *probation officer* li ser jigi mqabbad sabiex isegwi lill-imputata sabiex tigi ndirizzata l-problema ta’ droga.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-*Supervision Order* annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

______________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**